FGURA

Minuti tal-laqgħa numru ħdax tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 23 ta' Frar 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.35pm.

**Preżenti:**

**Sindku:** Chev. D. Marmara` KLJ

**Viċi Sindku** Is-Sur A.Degiovanni

**Kunsillieri**: Is-Sur S Camilleri
Is-Sur P.Dalli
Is-Sur M.Lombardo
Is-Sur B Camilleri
Is-Sinjura R.Cutajar
Is-Sur A.Debono
Is-Sur C Bonello

**Segretarju:** Is-Sur A Grima

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

Din il-laqgħa kienet bħala tkomplija tad-diskussjoni fuq l-aġenda li ntbagħtet għall-laqgħa li saret fit-8 ta' Frar 2010.

## 14.0 <u>Memos Dipartiment tal-Gvern Lokali (tkomplija)</u>

14.01 Is-Sur S Camilleri għamel referenza għall-minuti tal-laqgħat preċedenti. Is-Sindku nforma li din kienet tkomplija tal-aġenda li kienet inħarġet għall-laqgħa li ssejħet għat-8 ta' Frar 2010. Saret diskussjoni. Saret diskussjoni wkoll dwar il-minuti li kienu ppreparati fir-rigward tal-laqgħa li kienet imsejħa u li ma saritx minħabba li ma kienx hemm kworum. Is-Segretarju rrefera għall-ordni permanenti 2(3) li tirregola din il-materja.

14.02 Is-Sur C Bonello għamel referenza għal deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill fir-rigward tal-attivita' 'Rħula Maltin'. Wara li saret diskussjoni, is-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2637/10/6 "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali joħoġ sejħa għall-offerti sabiex jinħatar koordinatur għall-attivita li l-Kunsill Lokali ser jorganiżża f'Ġunju li ġej skond kif diġa deċiż mill-Kunsill. Din l-attivita ser issir fi Vjal Kottoner (bejn Sur u Cospicua Rd) kif ukoll pjazza kunsill tal-Ewropa. Issir fl ewwel sibt ta Ġunju bejn 7pm u nofs illejl kuf ukoll ikun hemm fost l-oħrajn il-

parteċipazzjoni tal-għaqdiet lokali kollha li wrew interess. L-offerta tagħlaq fit-12 ta' Marzu 2010". Din kienet sekondata mis-Sur A Debono. Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar mozzjonijiet li jkunu ppreżentati mingħajr pre-avviż. Saret diskussjoni. Wara ttieħed vot fuq il-mozzjoni.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Viċi-Sindku.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2637/10/6 kienet approvata bi tmien voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

14.03 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar l-istimi tax-xogħlijiet fi Triq Bormla u Triq il-Karmnu li kienu ppreparati mill-Perit D Falzon. Filwaqt li għamel referenza għal xogħlijiet li kienu għaddejjin mill-KSI f'diversi toroq, huwa ppropona li ssir laqgħa mal-istess korporazzjoni sabiex tkun diskussa l-possibbilta' li t-toroq fejn ser isir dan ix-xogħol ikunu asfaltati wara li jsir il-koordinament meħtieġ. Ma kienx hemm oġġezzjoni li ssir din il-laqgħa.

14.04 Is-Sur P Dalli għamel referenza għal stima li kienet ippreparata mill-Perit D Falzon fir-rigward ta' tiswijiet ta' culvert f'Wesgħa Kunsill tal-Ewropa filwaqt li għamel referenza għal Memo 32/2010. F'dan l-istadju s-Sur C Bonello ddikkjara li kellu kunflitt ta' nteress dwar il-materja u li kien ser jibqa' barra mid-diskussjoni.

14.04 Wara li tkompliet id-diskussjoni dwar dan il-memo, is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2638/10/6 "B'referenza għal Memo 32 għandna napplikaw għall dan ix-xogħol ġej: Tabelli + Sinjali ta' traffiku + jinkludu żebgħa ta' triq; l-isprall ta' roundabout ta' Hompesch Rd ma Triq Sur; Pots minn Triq San Tumas sa Triq Sur; Bdil ta railing fejn wesgħa Kunsill ta' Ewropa bi spiża ta' mhux aktar minn €9000 bħala l-massimu tal-50% li għandu joħroġ il-Kunsill". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2638/10/6 kienet approvata nem con.

14.05 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill li kellha tinħareġ sejħa għall-offerti fir-rigward tat-tiswija tal-culvert minħabba li kien hemm diversi items li ma kienux inkorporati fit-tenders tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku ressaq point of order dwar dan. Saret diskussjoni. Is-Sindku ta ruling li l-mozzjoni kienet qed issir sabiex l-istess memo ikun jista' jiġi mplimentat. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2639/10/6 "Peress li Kunsill se applika għall Memo 32/2010 kif ġie maqbul f'mozzjoni preċedenti għandha toħroġ sejħa għall offerti sabiex manutenzjoni tal-isprall ma' roundabout ta' wesgħa Kunsill ta' Ewropa. L-offerta għandha

tagħlaq 12 ta' Marzu 2010". Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Il-mozzjoni ref: 2639/10/6 kienet approvata nem con.

14.06 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill dwar diversi memos li kien irċieva fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-fondi mill-UE. Saret diskussjoni dwar il-memos li saret referenza għalihom mill-Viċi-Sindku kif ukoll dwar proċedura li l-Kunsill setgħa jaddotta sabiex ikunu trattati dawn l-applikazzjonijiet.

## 15.0 Xogħlijiet toroq residenzjali

15.01 Is-Sur M Lombardo nforma lill-Kunsill dwar ir-rapport li kien tqassam dwar is-suġġett. Wara li saret diskussjoni, is-Sur M Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2640/10/6 "Il-Kunsill qed japprova r-rapport anness dwar it-toroq sabiex jibda l-proċess skond il-prijoritajiet kif elenkati". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Wara li tkompliet id-diskussjoni il-proponent u s-sekondant qablu li jemendaw il-mozzjoni ppreżentata sabiex il-mozzjoni ġiet taqra "Il-Kunsill qed japprova r-rapport anness dwar it-toroq". Wara ttieħed vot fuq din il-mozzjoni.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur B Camilleri, Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Viċi-Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2640/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

## 16.0 Kuntratt ġbir ta' skart u skema ġbir ta' skart separat

16.01 Is-Sindku għamel referenza għal materjal li kien intbagħat wara li l-Kuntratturi li qed jagħtu s-servizz marbut mal-iskema tal-ġbir ta' skart separat kienu ġew mistiedna sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, is-Sindku jressaq rapport dwar il-materja għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 17.0 Monument Triq Hompesch

17.01 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar l-istimi li kienu saru mill-Perit D Falzon fir-rigward ta' xogħlijiet marbuta mal-monument u l-madwar tiegħu. Wara li saret diskussjoni, is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2641/10/6 "Sabiex toħroġ sejħa għall-offerti għall-xogħolijiet ta roundabout central strips skond Bill of quantities annessi". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2641/10/6 kienet approvata nem con.

## 18.0 Aġġornament

18.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8.25pm u kienet aġġornata għas-17 ta’ Marzu 2010 fit-6.30pm.

______________________ ______________________

Sindku Segretarju